# Stqarrija

MILL-MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ,
IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

## It-Taqsima tar-Riċerki fi ħdan l-Aġenzija Identità tibda topera minn post ġdid

identità

identità

MT

## STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA: It-Taqsima tar-Riċerki fi ħdan l-Aġenzija Identità tibda topera minn post ġdid

It-Taqsima tar-Riċerki fi ħdan l-Aġenzija Identità bdew joperaw minn binja ġdida li hija aktar adegwata u mgħammra aħjar għall-impjegati u l-klijenti tad-dipartiment. Din ir-rilokazzjoni saret minħabba li l-binja li minnha kienet qed topera din it-taqsima ma baqgħetx f'kundizzjoni xierqa biex taqdi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet mistennija minnha. L-uffiċini l-ġodda huma ftit passi biss 'il bogħod minn fejn kienet qed topera din it-taqsima, fi Triq l-Arċisqof, fil-Belt Valletta, stess.

L-uffiċini l-ġodda ġew inawgurati uffiċjalment mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza Byron Camilleri u mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identità l-Kurunell Mark Mallia, waqt żjara li saret fil-binja fejn il-Ministru flimkien mal-Kap Eżekuttiv iltaqgħu mal-ħaddiema tat-Taqsima tar-Riċerki.

Fl-indirizz tiegħu, il-Ministru Byron Camilleri spjega li l-funzjoni ewlenija tat-taqsima hija li tipprovdi riċerki uffiċjali li jiddeterminaw jekk l-individwu jew il-kumpanija kinux involuti f'trasferimenti ta' proprjetà immobbli f'perjodu speċifiku u għalhekk ix-xogħol jinvolvi riċerki ta' dokumenti flimkien ma' atti relatati mat-trasferiment ta' proprjetà. "Matul is-sena l-oħra, saru aktar minn 200,000 talba għar-riċerka u kif ukoll kważi 50,000 nota li ġew ipproċessati minn din it-taqsima. Dan jixhed l-importanza li din it-taqsima għandha fi ħdan is-soċjetà Maltija u għalhekk inħass il-bżonn li din it-taqsima jkollha binja ġdida minn fejn il-pubbliku jista' jiġi moqdi aħjar. Din id-deċiżjoni li jkun rilokat minn fejn jiġi provdut is-servizz, hija parti minn numru ta' bidliet immirati sabiex jitjieb is-servizz, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni tar-riċerki," qal il-Ministru Camilleri.

Il-Ministru Camilleri temm jgħid li t-Taqsima tar-Riċerki kienet, hija u se tibqa' tkun punt ewlieni fil-ħidma biex wieħed jaqdi firxa wiesgħa ta' talbiet partikolari u importanti. Fil-fatt, l-Aġenzija sar ikollha wkoll irwol importanti f'dan kollu u l-użu tat-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni flimkien mal-investiment qawwi fl-informatika għandhom jixprunaw aktar din l-Aġenzija biex toffri servizzi aktar effiċjenti.

Il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identità l-Kurunell Mark Mallia spjega li l-istruttura tal-binja li minnha kienet qed topera t-Taqsima tar-Riċerki sofriet danni estensivi matul is-snin u għalhekk l-Aġenzija rat li tirriloka dan l-uffiċċju f'binja ġdida fil-Belt, għaliex kemm il-pubbliku, u kif ukoll il-ħaddiema, jixirqilhom post strutturalment b'saħħtu, modern u attrezzat aħjar minn fejn jaħdmu u jinqdew. Huwa temm jgħid li din ir-rilokazzjoni hija xhieda tal-impenn li l-Aġenzija Identità għandha, li tpoġġi lill-klijent fiċ-ċentru ta' kull deċiżjoni, u li tħares l-interessi tal-ħaddiema tagħha. Intant, il-funzjoni prinċipali tat-Taqsima tar-Riċerki hija li tipprovdi riċerki uffiċjali fuq individwi u entitajiet b'konnessjoni mar-reġistrazzjoni tan-noti dwar it-trasferimenti inter vivos kif ukoll causa mortis, ta' proprjetà immobbli u r-reġistrazzjonijiet ta' noti ta' ipoteki u ta' privileġġi li permezz tagħhom jiġu stabbiliti obbligi bħal self u ħlas ta' ċnus.

Waqt l-inawgurazzjoni ta' dawn l-uffiċini ġie mfakkar ukoll kif it-Taqsima tar-Riċerki nediet proġett vast ħafna tad-Diġitalizzazzjoni tar-Riċerki, u fil-fatt fix-xhur li għaddew introduċiet l-ewwel firma elettronika kwalifikata, maħruġa skont ir-rekwiżiti imposti mir-Regolament Ewropew 910/2014 u bi ftehim mal-partijiet kollha konċernati. Dan huwa l-ewwel pass li se jwitti t-triq għar-reġistrazzjoni u l-iskrizzjoni ta' noti li huma wkoll fil-pjan li jiġu diġitizzati biex b'hekk il-klijenti jiġu offruti soluzzjoni kompluta.

ENGLISH >>> next page

identità

EN

## PRESS RELEASE FROM THE MINISTRY OF HOME AFFAIRS, SECURITY, REFORMS AND EQUALITY: The Searches Unit operating from a new location

The Searches Unit within Aġenzija Identità, has initiated its operations from a recently upgraded facility, thoughtfully designed to better accommodate both its employees and clients. This relocation became necessary as the previous building could no longer adequately support the unit's functions and responsibilities. The new offices, conveniently located on Archbishop Street in Valletta, are just a stone's throw away from the unit's former site.

The new offices were formally inaugurated during a visit by Minister for Home Affairs, Security, Reforms, and Equality, Byron Camilleri, and Identità's CEO, Colonel Mark Mallia. The Minister and CEO met with the workers of the Searches Unit to mark this inauguration.

In his address, Minister Byron Camilleri explained that the primary function of the unit is to conduct official searches to determine individuals' or companies' involvement in property transfers within specific timeframes. This work entails comprehensive document searches together with acts related to the transfer of property.

"Over the past year, the unit received and processed over 200,000 search requests and nearly 50,000 related notes. This underscores the unit's significant role within Maltese society, necessitating the provision of a new building to enhance public service delivery. This relocation is one of several measures aimed at improving services, including the digitisation of search processes," stated Minister Camilleri.

Minister Camilleri concluded by emphasising that the Searches Unit has been, is, and will remain a pivotal component in addressing various specific and crucial requests. Additionally, the agency's significant role and its focus on technology, digitalisation, and substantial IT investments are expected to further enhance its capacity to deliver efficient services.

Colonel Mark Mallia, CEO of Identità, elaborated on the extensive damage that the original building housing the Searches Unit had incurred over the years. As a result, the Agency made the decision to relocate this office to a new building within the city. He emphasised the importance of providing both the public and the workers with a structurally sound, modern, and well-equipped workspace. Colonel Mallia concluded by accentuating that this relocation underscores Identità's unwavering commitment to prioritising the client's needs in every decision and safeguarding the welfare of its employees.

The primary role of the Searches Unit is to conduct official searches pertaining to both individuals and firms. These searches are related to the registration of notes on transfers inter vivos and causa mortis concerning immovable property. Additionally, the unit handles the registration of notes of mortgages and privileges, which are crucial for establishing obligations like loans and payment of ground rent.
During the inauguration of the new offices, it was highlighted that the Searches Unit has embarked on an extensive project for the Digitisation of Searches. In recent months, a significant milestone was achieved with the introduction of the first qualified electronic signature, compliant with the stipulations of European Regulation 910/2014 and in collaboration with relevant stakeholders. This marks the initial phase of a comprehensive plan to digitise the registration and inscription of notes, aiming to provide customers with a holistic solution.

identita.gov.mt